KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

Ref: Seduta # 18_19/05/10VI

# MINUTI TAT-TMINTAX- IL SEDUTA

**Tkomplija tat-tmintax-il seduta** tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Sliema li nżammet nhar l-**24 ta' Ġunju 2010** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti għas-seduta kienu:**

**Is-Sindku** Nikki Dimech
**Il-Viċi Sindku** Joanna Gonzi
**Il-Kunsilliera** Marianne Aquilina, Yves Cali, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Martin Debono, Cyrus Engerer, Julian Galea, Nicolai Gauci, Patrick Pace.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** Svetlana Curmi,
**L-Uffiċjal** Althea Borg

**Is-seduta bdiet fis-6.17pm.**

## 1. Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 17_21/04/10VI

1.1 Is-Sindku N. Dimech qal li l-għan tal-laqgħa kien li jiġu ċċarati l-korrezzjonijiet għal-minuti.

**18.19hrs:** Daħlet il-Viċi Sindku Joanna Gonzi.

1.2 Is-Sindku talab li l-punt 3.20 kif miżjud mal-minuti tal-laqgħa tal-21 ta'April u mibgħuta lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa, jinbidel minn 3.20 għal 3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se terġa' tinnumera l-punti kollha taħt il-kategorija "Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Deputat Segretarju Eżekuttiv".

1.3 Il-punt 3.2 għandu jaqra kif ġej:

"Is-Sindku fuq parir tal-avukat u l-konsulent fuq dan il-proġett staqsa lill-kunsiliera biex issir estensjoni tat-*tender* tal-*fairlights* fuq is-siġar ta' Tas-Sliema biex issa d-dawl ikun imqiegħed mill-Fortina sal-Waterfront Hotel, jsiru s-siġar kollha ġo tas-Sliema inklużi dawk li qegħdin *inland* – inkluż dawk ta' ħdejn Cara's u Surfside – kullimkien, sabiex jinżamm il-kunċett '*Sliema white by night*'. Ittieħed il-vot u l-vot kien unanimu."

Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

**18.27hrs:** Daħal il-Kunsillier Patrick Pace.

1.4 Il-Kunsillier M. Debono qal li l-proġett kien ~~qed~~ jasal sal-Chemimart u ~~allura għandu jkun hemm estensjoni~~ mal-kosta kollha. Saret diskussjoni dwar liema siġar se jkunu miksija bid-dwal u ssemmew s-siġar ta' Dingli Street.

1.5 Dwar il-punt 3.2 Il-Kunsillier C. Engerer staqsa lis-Sindku jekk talabx parir tal-avukat quddiem il-Kunsill.

1.6 Il-Kunsillier M. Debono staqsa biex jittieħed vot dwar il-punt 3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għandu jittieħed vot wieħed fuq l-addizzjonijet kollha għall-minuti, wara li t-dawn ikunu miktuba fuq it-test oriġinali datat 21 ta' April u wara li jkunu reġgħu nqraw quddiem il-Kunsill għall-vot finali, biex imbagħad jiġi inizjalati l-minuti mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

1.7 |Żdiedu wkoll żewġ punti għall-kategorija "Mistoqsijiet mill-Kunsilliera" li għandhom jinqraw kif ġej:
"4.9. Il-Kunsillier B. Cali qal illi A. Borg ma tistax tinħatar Segretarju Ezekuttiv għax tmur kontra l-ligi kif giet emendate. Setgħet tkun Deputat għal tlett xhur sakemm jinħatar Segretarju Eżekuttiv.

4.10. Is-Sindku N. Dimech qal illi wara li l-Kunsill ivvota b'mod unanimu biex toħroġ sejħa għall-offerti għar-refurbishment fuq l-uffiċċini, l-Avukat tal-Kunsill ta parir li ma kienx hemm bżonn li tinħareġ din is-sejħa minħabba tender li kien diġà ġie aġġudikat lill-istess fornitur għal xogħlijiet oħra."

1.8 Il-Kunsilier M. Debono qal li flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv A. Borg kien qara l-*specifications* tat-*tender* rigward ir-*resurfacing* tat-toroq li Polidano għandu preżentament mal-Kunsill. Hu qal li fil-fehma tiegħu ma setax jintuża l-istess *tender* u għandu jinħareġ *tender* ieħor speċifikament għar-*refurbishment* tal-Kunsill. L-avukat tal-Kunsill qal li jista' jkun il-każ li x-xogħol hu kopert fit-*tender* li diġà għandu l-kuntrattur u m'għandux għalfejn jinħareġ *tender* ieħor."

1.9 Il-Kunsillier C. Engerer talab kjarifika fuq il-minuti. Is-Sindku N. Dimech qal li dan għandu jiġi diskuss dan wara li jittieħed il-vot.

1.10 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li fil-laqgħa tad-19 ta' Mejju, kienet diġa saret bidla għal punt 3.5 fejn il-Vici Sindku J. Gonzi ssuġġeriet li l-kliem "fuq rakkomandazzjoni tal-Minsiteru" ikun korrett għal "approvazzjoni mill-pool eżekuttiv tas-Segretarji Ezekuttivi"

1.11 Il-Viċi-Sindku qalet li riedet tagħmel dikjarazzjoni dwar il-vot tagħha:

"Jiena Joanna Gonzi Vici-Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema qed nikkwalifika l-vot tiegħi kontra l-emenda għal minuti tas-seduta tal-21 ta' April 2010 fejn qed jintalab biex jiżdied il-paragrafu 3.2 kif propost b'rabta mat-*tender*

tal-*fairylights* mill-Fortina sal-Waterfront. Ir-raguni tal-vot tiegħi kontra din iż-żieda għal minuti qed issir għaliex kif stqarrejt qabel il-mod ta' kif se ssir l-estensjoni ta' dan il-proġett u kemm kien se jiswa flus lill-kunsill qatt ma ġie diskuss mal-Kunsill u lanqas mal-Kunsill approva xi varjazzjoni tat-*tender* mogħti lill-PMG kif approvat oriġinarjament fis-seduta tas-17 ta' Frar 2010. Dak li ġie diskuss kien biss ix-xewqa li nkomplu bil-proġett tal-*fairy lights* sal-Waterfront biex inkopru l-*front* kollu. Din ix-xewqa hekk diskussa u approvata u l-metodu ta' kif dan jista' jiġi implimentat huma żewġ oqsma differenti u l-Kunsill qatt ma ddiskuta l-metodu ta' din ix-xorta ta' ħsieb fl-estensjoni. Estensjoni tal-proġett ma ġġibx awtomatikament estensjoni ta' kuntratt u dan tal-aħħar qatt ma ġie diskuss fil-Kunsill fis-seduta tal-21 ta' April 2010. Estensjoni tal-kuntratt jista' jsir biss skont il-proċeduri finnazjarji, skont il-liġi u skont ir-regolamenti. Nippreċiża wkoll li minkejja li fis-seduta tal-21 ta' April 2010 il-Kunsill approva ix-*schedule of payments* kif imressqa quddiem il-Kunsill, ma kien hemm l-ebda diskussjoni dwar l-istess skeda u ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni għal PJV number 316/10 li tittratta l-approvazzjoni tal-ħlas fl-ammont ta' EUR58,000 għal estensjoni tal-proġett tal-*fairylights*. Dan il-ħlas kien sar ferm qabel. Dan qatt ma jista' jiġi meqjus bħala ħlas ta' pagament urġenti skont il-liġi u lanqas il-kuntrattur ma jidher li kien qed jippretendi li jitħallas qabel il-21 ta' April 2010 skont l-ittra tiegħu tat-3 ta' April 2010. Fl-1 ta' April 2010 il-PMG li rebaħ il-kuntratt oriġinali ħareġ *invoice* S/00312 lill-Kunsill Lokali fl-ammont ta' EUR144,999.99 għal estensjoni tal-kuntratt mhux approvat. Huwa ċar li kienu qed isiru diskussjonijiet qabel din id-data biex intalab pagament fl-1 ta' April 2010. Konferma ta' din hija ittra ta' PMG stess bid-data tat-3 ta' April 2010 (wara d-data ta' *payment request*) li tindika li dawn id-diskussjonijiet kienu qed isiru qabel minkejja li fl-ittra tat-3 ta' April PMG kien qed jintalab pagament wara is-seduta tal-21 ta' April 2010. Il-pagament ħareġ permezz ta' ċekk number 11091 li jġib id-data ta' 8 ta' April 2010. L-ittra tat-3 ta' April indirizzata lill-Kunsill ma tresqitx fis-seduta tal-21 ta' April 2010 waqt il-ħin tal-korrispondenza. Din hija indikazzjoni oħra li dan is-suġġett u l-estensjoni tal-kuntratt ma tqajmux fis-seduta. Ta' min jinnota dawn id-diskrepanzi li stajt nasal għalihom biss wara s-seduta tal-21 għaliex ma tresqux quddiem il-Kunsill f'dik is-seduta:

1. fil-*payment request* ta' PMG *invoice number* S/00312 qed jintalab pagament fuq 350 siġra, pro-rata fuq il-valur ta' kuntratt oriġinali
2. Il-Kuntratt oriġinali kellu prezz totali ta' EUR96,570 għal 300 siġra, li joħroġ l-ammont ta' EUR322 (*rounded*) għal kull siġra
3. Il-valur mitlub ta' EUR144,999.99 għal estensjoni fuq 350 siġra skont il-payment request (u mhux skont l-ittra tal-PMG tat-3 ta' April 2010 li juru inkonsistenza fl-ammont tas-siġarħ, iġib kull siġra tiswa EUR414 (*rounded*).
4. Dan ijndika żieda ta' EUR92 fuq kull siġra.
5. Minn analiżi li kelli nasal għalih jien, u mhux provdut minn xi tekniċl tal-Kunsill, ikkonkludejt li n-numru ta' siġar fil-parti tal-estensjoni tal-proġett jammontaw għal 233. Dan huwa ħafna inqas minn dak kontenut fl-ittra tat-3 ta' April 2010, jew fl-invoice tal-1 ta' April mill-PMG.

1.12 Il-varjazzjoni fuq it-*trench works* lanqas ma ġiet diskussa fl-istess seduta tal-Kunsill tal-21 ta' April 2010 minkejja li din kienet tfisser żieda oħra fuq il-proġett fl-ammont ta' EUR29,000. Jekk wieħed iżid dan l-ammont mal-varjazzjoni, il-valur għal kull siġra jitla'

għal EUR497 - żieda ta' 154% fuq kull siġra fuq il-prezz oriġinali fiż-żona proposta għall-estensjoni tal-proġett.

1.13 Qiegħda nagħmel din id-dikjarazzjoni għaliex dak kollu li ġie għall-attenzjoni tiegħI fuq is-suġġett tl-*fairy lights* stajt nasal għalih biss wara l-laqgħa tad-19 ta' Mejju 2010 meta ġew biex jiġu emendati l-minuti. Din l-informazzjoni u/jew korrispondenza kollha marbuta ma' dan il-proġett ma tressqitx quddiem il-Kunsill u xejn minn dan ma kien mgħarraf fis-seduta numru 17 u lanqas qabel is-seduta tal-21 ta' April 2010.

1.14 Dan in-nuqqas ta' informazzjoni huwa wkoll indikazzjoni ċara li s-suġġett fuq l-estensjoni tal-kuntratt fil-proġett tal-fairy lights ma ffurmax parti mis-seduta 17 u kollox jindika li kien fait accomplait kif jindikaw id-dokumenti annessi u t-talbiet amministrattivi biex jinħareġ il-pagament parti mill-varjazzjoni fl-1 ta' april 2010. Dak li qed jintalab illum, u li ma ġiex diskuss fis-Seduta tas-17 ta' April 2010 hija ratifika għal deċiżjoni, (mhux meħudha mill-Kunsill) biex nestendu l-kuntratt tal-*fairy lights* peress li l-ħlas fuqu kien sar mill-Kunsill fit-8 ta' April 2010, ratifika li qatt ma saret, li qatt ma setgħet issir fil-21 ta' April u lanqas ma tista' ssir f'din is-Seduta.

1.15 Għaldaqstant, peress illi din id-diskussjoni ma seħħitx fil-laqgħa tal-21 ta' April 2010, u peress illi ma tressqux quddiem il-Kunsill fis-seduta msemmija l-ebda talbiet ta' varjazzjoni filwaqt li l-ħlasijiet fuq l-istess saru ferm qabel il-21 ta' April 2010, ma nistax napprova l-emenda u għalhekk ser nivvota kontra li jiżdied mal-minuti l-paragrafu 3.2 kif propost."

1.16 Is-Sindku talab sospensjoni u qal li d-dikjarazzjoni għandha titkompla tinqara wara li jittieħed il-vot dwar il-minuti. Is-Sinjorina S. Camilleri ssekondat.

1.17 Ittieħed il-vot dwar il-minuti kif ġej:

Favur: N. Dimech, B. Cali, E. Cuschieri, M. Debono, M. Aquilina, N. Gauci, P. Pace, S. Camilleri.
Kontra: J. Gonzi.
Astjenew: C. Engerer u ppreċiża li qed jastjeni għax ma jridx ikun *legaly liable* għal dak li jiddeċidu l-awtoritajiet. J. Galea astjena għax qal li ma kienx preżenti fil-laqgħa ta'April.

Il-Vici-Sindku baqgħet taqra d-dikjarazzjoni tagħha.

1.18 Il-Vici-Sindku talbet li jiġi anness mal-minuti ta' din il-laqgħa d-dikjarazzjoni tagħha u ġiet preżentata bħala 'Doc A'.

1.19 Il-Kunsillier C. Engerer ried kjarifika dwar il-minuti. Is-Sindku qal li setgħu jiġu diskussi l-*matters arising* għalkemm hu ma setax ikun preżenti.

**19.50hrs**: Is-Sindku N. Dimech ħareġ mil-laqgħa.

1.20 Il-laqgħa ma ġietx sospiża.

1.21 Il-Kunsillier C. Engerer staqsa biex tippresedi l-laqgħa l-Viċi Sindku.

**19.51hrs**: Ħarġu mil-laqgħa il-Kunsilliera M. Aquilina, B. Cali, S. Camilleri, M. Debono, N. Gauci, P. Pace.

1.22 Ma kienx hemm kworum biex jiġu diskussi l-*matters arising* mill-minuti.

Il-laqgħa ma ġietx aġġornata.

Johanna Gonzi
Sindku

Svetlana R. Curmi
Segretarju Eżekuttiv

Jiena Joanna Gonzi, Viċi Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Sliema qed nikkwalifika l-vot tiegħi kontra l-emenda għall-minuti ta' s-seduta tal-21 ta' April 2010 fejn qed jintalab biex jiżdied il-paragrafu 3.20 kif propost b'rabta ma t-tender tal-Fairy Lights mill-Fortina sal-Waterfront.

Ir–raġuni tal-vot tiegħi kontra din iż-żieda għal minuti qed isir għaliex, kif stqarrejt qabel, il-mod ta' kif ser issir l-estenzjoni ta' dan il-proġett u kemm kien se jiswa flus lill-kunsill, qatt ma ġiet diskuss mil-Kunsill, u lanqas ma l-kunsill approva xi varjazzjoni tat-tender mogħti lil PMG kif approvat oriġinarjament fis-seduta tas-17 ta' Frar 2010.

Dak li ġie diskuss kien biss ix-xewqa li inkomplu bil-proġett tal-Fairy Lights sal-Waterfront biex inkopru l-front kollu.

Din ix-xewqa hekk diskussa approvata u l-metodu ta' kif dan jista' jiġi implimentat huma żewġ oqsma differenti u l-kunsill qatt ma ddiskuta l-metodu ta' din ix-xorta ta' hsieb fl-estenzjoni.

Estenzjoni tal-proġett, ma ġġibx awtomatikament estenzjoni tal-kuntratt, u dan ta' l-aħħar qatt ma ġie diskuss fil-Kunsill fis-seduta tal-21 ta' April 2010.

Estenzjoni tal-Kuntratt jista' jsir biss skond il-Proċeduri Finanzjarji, skond il-Liġi u skond ir-regolamenti.

Nippreċiża ukoll li minkejja li fis-seduta ta' 21 ta' April 2010 l-Kunsill approva is-*Schedule of Payments* kif imressqa quddiem il-Kunsill, ma kien hemm l-ebda diskussjoni dwar l-istess skeda u ma ingħatat l-ebda spjegazzjoni għal PJV No. 316/10 li titratta l-approvazzjoni tal-ħlas fl-ammont ta' Euro 58,000 għall-estenzjoni tal-proġett ta' l-Fairy Lights. Dan il-ħlas sar ferm qabel. Dan qatt ma jista' jiġi meqjus bħala ħlas ta' pagament urġenti skond il-liġi, u lanqas il-kuntrattur ma jidher li kien qed jippretendi li jitħallas qabel il-21 ta' April 2010 skond l-ittra tiegħu tat-3 ta' April 2010, ~~li ser nirriferi għaliha iktar 'il quddiem~~.

Fl-1 ta' April 2010, il-PMG (li rebaħ il-kuntratt oriġinali) ħareġ *invoice* (S/00312) lill-Kunsill Lokali fl-ammont ta' Euro 144,999.99 għall-estenzjoni tal-kuntratt mhux approvat. Huwa ċar li kienu qed isiru diskussjonijiet qabel din id-data biex intalab pagament fl-1 ta' April 2010.

Konferma ta' dan hija ittra ta' PMG stess data 3 ta' April 2010 (wara d-data tal-payment request) li tindika li dawn id-diskussjonijiet kienu qed isiru qabel.

Minkejja li fl-ittra tat-3 ta' April, PMG kien qed jintalab pagament wara is-seduta tal-21 ta' April 2010, il-pagament ħareġ permezz ta' cheque 11091 li jġib id-data 8 ta' April 2010.

24/6/2010.

Local Council
Received
24 JUN 2010
Sliema

L-ittra tat-3 ta' April indirizzata lill-Kunsill ma tressqitx fis-seduta tal-21 ta' April 2010 waqt il-ħin tal-korrispondenza. Din hija indikazzjoni oħra li dan is-suġġett u l-estenzjoni tal-kuntratt ma tqajjimx fis-sdeduta.

Ta min jinnota dawn id-diskrepanzi li stajt nasal għalihom biss wara is-seduta ta' 21 għaliex ma tressqux quddiem il-kunsill f'dik is-seduta:

1 Fil-*payment request* ta' PMG, *invoice* (S/00312), qed jintalab pagament fuq 350 sigra, pro-rata fuq il-valur ta' kuntratt originali.

2 Il-Kuntratt oriġinali kellu prezz totali ta' Euro 96,570 għal 300 siġra, li jħoroġ l-ammont ta' Euro 322 (rounded) għal kull siġra.

3 Il-valur mitlub ta' Euro 144, 999.99 għal estenzjoni fuq 350 siġra skond il-payment request (u mhux skond l-ittrra tal-PMG tat-3 ta' April 2010 li juru inkonsistenza fl-ammont tas-siġar), iġib kull siġra tiswa Euro 414 (rounded).

4 Dan jindika żieda ta' Euro 92 fuq kull siġra.

5 Minn analiżi li kelli nasal għalih jien, u mhux provdut minn xi tekniċi tal-kunsill, ikkonkludejt li n-numru ta' siġar fil-parti tal-estensjoni tal-proġett jammontaw għal 233.,Dan huwa hafna inqas minn dak kontenut fl-ittra tat-3 ta' April 2010, jew fl-*invoice* tal-1 ta' April mill-PMG.

Il-varjazzjoni fuq it-*trech works* lanqas ma ġiet diskussa fl-istess seduta tal-Kunsill tal-21 ta' April 2010 minkejja li din kienet tfisser żieda oħra fuq il-proġett fl-ammont ta' Euro 29,000. Jekk wieħed iżid dan l-ammont mal-varjazzjoni, il-valur għal kull siġra jitla' għal Euro 497 - żieda ta' 154% fuq kull siġra fuq il-prezz oriġinali fiż-żona proposta għall-estenzjoni tal-proġett.

Qiegħedha nagħmel din id-dikjarazzjoni għaliex dak kollu li ġie għall-attenzjoni tiegħi fuq is-suġġett tal-fairy Light stajt nasal għalih biss wara il-laqgħa tas-19 ta' Mejju 2010 meta ġew biex jiġu emendati l-minuti. Din l-informazzjoni u/jew korrispondenza kollha marbuta ma dan il-proġett ma tressqitx quddiem il-kunsill, u xejn minn dan ma kien mgħarraf fis-seduta numru 17 u lanqas qabel is-seduta tal-21 ta' April 2010.

Dan in-nuqqas ta' informazzjoni huwa ukoll indikazzjoni ċara li s-suġġett fuq l-estenzjoni tal-kuntratt fil-proġett tal-Fairy Lights ma ffurmax parti mis-seduta 17 u kollox jindika li kien *fait accomplit* kif jindikaw id-dokumenti annessi u t-talbiet amministrattiv biex jinħareġ il-pagament parti mill-varjazzjoni fl-1 ta' April 2010. Dak li qed jintalab llum, u li ma ġiex diskuss fis-Seduta tas-17 ta' April 2010 hija ratifika għal deċiżjoni, (mhux meħudha mill-Kunsill) biex nestendu il-kuntratt ta'

24/6/2010

fairy Lights peress li il-ħlas tfuqu kien sar mill-Kunsill fit-8 ta' April 2010; Ratifika li qatt ma ma saret, li qatt ma setgħet issir fil-21 ta' April u lanqas ma tista' ssir f'din is-Seduta.

Għaldaqstant, peress illi din id-diskussjoni ma seħħitx fil-laqgħa tal-21 ta' April 2010, u peress illi ma tressqux quddiem il-kunsill fis-seduta imsemmija l-ebda talbiet ta' varjazzjoni filwaqt li l-ħlasijiet fuq l-istess saru ferm qabel il-21 ta' April 2010, ma nistax napprova l-emenda u għalhekk ser nivvota kontra li jiżdied mall-minuti il-paragrafu 3.2[illegible] kif propost.

24/6/2010